***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 27 ta' Marzu 2018.**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 421/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Nicholas Cachia (ID42346(M), Francis Cachia (ID890150M), George Cachia (ID968944M), Lourdes Cachia (ID200137M), Maria Cachia (ID 262742M) u Nikolina Cachia (ID 39541M)**

**vs**

**Simon Cachia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Nicholas Cachia et pprezentat fl-14 ta' Marzu 2018 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela id-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli:

**(1) Jbiddel s-serratura tal-bieb tar-razzett, dan l-ahhar maghruf bhala 'Hesri Farm House' limiti ta' Wied l-Hesri, Siggiewi, *stante* illi l-esponenti huma co-okkupanti tal-imsemmi razzett, u peress illi l-intimat qieghed jhedded lir-rikorrenti li ser jbiddel s-serratura tal-imsemmi razzett adeskluzzjoni tar-rikorrenti ghaliex skont hu r-razzett huwa kollu tieghu u familtu;**

**(2) Jkompli arbitrarjament u llegalment jinvadi l-ghalqa mqabbla ghand ir-rikorrenti, liema ghalqa hija maghrufa 'Ta' Wilga z-Zghira', indikata wkoll bhala Taqsisa u l-Bur' fil-limiti ta' Siggiewi kif ahjar mirija l-anness *arial photo* Dok NC1, u dana *stante* illi r-rikorrenti hlief ghal George Cachia huma l-unici kerreja tal-istess raba' minghand l-Awtorita` tal-Artijiet.**

**(3) Jkompli jisraq il-qamh li hemm mizruh fil-ghalqa nkwistjoni u li huwa proprjeta` u mizruh mir-rikorrenti jew bl-awtorizzazzjoni taghhom.**

**(4) Jkompli volontarjament iwaqqa' u jivvandalizza l-hitan tas-sejjiegh tal-imsemmija ghalqa 'Ta Wilga z-Zghira' fil-limiti tas-Siggiewi**

IIIi l-intimat qieghed kuljum jinvadi l-ghalqa **'Ta' Wilga z-Zghira'** hawn fuq imsemmija u jisraq mill-imsemmija ghalqa qamh mizruh mir-rikorrenti (Doks NC9 - NC14) u dana minkejja li qed jkun repetutament milqugh u mwissi mir-rikorrenti milli jaghmel dan u minkejja wkoll li saru diversi rapporti u kwereli kontra tieghu mal-Pulizija.

Illi l-intimat qed ta' kuljum u sikwit jhedded, jintimida u jipprovoka lil uhud mir-rikorrenti meta sfaccatament f' wicchom jew minn wara daharhom jinvadi r-raba' **Ta' Wilga z-Zghira'** li huwa mqabbel esklussivament ghandhom sabiex jivvandalizza l-hitan u jisraq l-qamh, u hemm riskju kbir li b'konsegwenza ta' tali provokazzjonijiet il-kwistjoni ser teskala serjament b' detriment rrimedjabbli ghar-rikorrenti.

Illi l-intimat ghamilha diversi drabi cara li huwa jrid jkecci lir-rikkorrenti mill-pussess u d-dgawdija tar-razzett maghruf **Ta' Wied Hesri',** li jinsab fil-limiti ta' Wied Hesri u r-raba' **Ta' Wilga z-Zghira'** fil-pussess taghhom, u dana billi jezercita l-atteggjament ta' *'bully'* kontra l-intimati (sic) li huma persuni ta' eta` avvanzata.

IIIi l-intimat meta mwissi mir-rikorrenti sabiex ma jkompliex jinvadi u jisraq mir-raba' ta' **'Ta' Wilga z-Zghira',** hebb

ghar-rikorrent George Cachia u kagunalu feriti ta' natura hafifa, u kif ukoll repetutament sfida u fixkel lir-rikorrenti fid-dgawdija tar-raba' taghhom u dana ghaliex skont hu, l-lspettur Johann Fenech mill-Ghassa taz-Zejtun tah id-dritta li jista' jmur fejn jrid inkluzi fl-ghalqa nkwistjoni, minkejja r-rapporti dwar is-serq mill-ghalqa allegat.

IIIi matul dawn l-ahhar zminijiet r-rikorrent Francis Cachia nharaqlu wkoll il-parti tar-razzett 'Ta' Wied Hesri' li tinsab fil-pussess tieghu kif ukoll nharqitlu wkoll il-vettura bil-lejl, u dan huwa wkoll indikazzjoni cara ta' intimidazzjoni serja minn min ghandu l-hsieb jbezza lir-rikorrenti jew uhud minnhom. IIIi dan l-mandat huwa wiehed mehtieg *stante* illi d-drittijiet tar-rikorrenti fuq l-proprjetajiet imsemmija u I-beni li hemm fihom ghandhom jkunu protetti, u dana ghaliex fin-nuqqas id-drittijiet tal-esponenti jigu pregudikati rrimedjabbilment, oltre' r-riskju serju ta' incidenti serjissimi li jistghu jirrizultaw minn tali provokazzjonijiet u nvazjoni tal-proprjeta` da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti.

IIIi *stante* n-natura tal-kaz, l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan il-mandat provvizorjament pendenti l-istess proceduri.

Illi l-esponenti se jigu ppregudikati rremidjabilment jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta'

inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-14 ta' Marzu 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Marzu 2018 f' 12:00pm, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis 22 ta' Marzu 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr Victor Bugeja. Deher l-intimat assistit minn Dr Alfred Abela, u ghal kull buon fini ta ruhu b'notifikat. L-intimat Simon Cachia tramite d-difensur tieghu ddikjara li kkonceda li huwa m'ghandu l-ebda interess li jidhol fil-proprjeta` indikata fit-tieni (2) paragrafu tar-rikors u li m'ghandu l-ebda pretenzjoni fir-rigward tal-istess proprjeta` u kwindi tal-prodott u fil-hitan. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimat jigi inibit milli jbiddel is-serratura tal-bieb tar-razzett, 'Hesri Farm House' limiti ta' Wied l-Hesri, Siggiewi; milli jkompli arbitrarjament u llegalment jinvadi l-ghalqa mqabbla ghand ir-rikorrenti maghrufa 'Ta' Wilga z-Zghira',

indikata wkoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti ta' Siggiewi; milli jkompli jisraq il-qamh li hemm mizrugh fil-ghalqa nkwistjoni; u milli jkompli volontarjament iwaqqa' u jivvandalizza l-hitan tas-sejjiegh tal-imsemmija ghalqa 'Ta Wilga z-Zghira' fil-limiti tas-Siggiewi.

Illi l-intimat ma kkontestax it-talba minkejja li deher, debitament assistit, quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2018. F'dik is-seduta tramite d-difensur tieghu ddikjara li huwa m'ghandu l-ebda interess li jidhol fil-proprjeta` indikata fit-tieni (2) paragrafu tar-rikors u li m'ghandu l-ebda pretenzjoni fir-rigward tal-istess proprjeta` u kwindi tal-prodott u fil-hitan.

Illi mit-trattazzjoni jirrizulta li mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti huma kopossessuri tar-razzett deskritt fl-ewwel (1) paragrafu tar-rikors.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi

ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitata ghall-apprezzament tal-elementi guridici u fattwali fuq bazi *prima facie*.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju hu jekk bl-agir li qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, u anke *in visto* tad-dikjarazzjoni maghmula *seduta stante*, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw iz-zewg elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni.

## III. DECIDE.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara, li rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat kif dedotta billi jirrizultalha li jezistu l-elementi necessarji skont il-ligi.

L-ispejjez huma a karigu tal-intimat.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Marzu 2018**